Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta’ Ġunju 2017
(OR. en)

9524/17

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0397 (COD)

SOC 420
EMPL 327
CODEC 891

RAPPORT

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti / Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9200/17 SOC 338 EMPL 253 CODEC 812
Nru dok. Cion:	15642/16 SOC 812 EMPL 549 CODEC 1910 + ADD 1 - ADD 8 - COM(2016) 815 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni ta’ sistemi ta’ sigurtà soċjali u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 (Test b’rilevanza għaż-ŻEE u l-Iżvizzera) - Rapport ta' Progress

I. INTRODUZZJONI

Fit-13 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha biex jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-kordinazzjoni ta’ sistemi ta’ sigurtà soċjali u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004. Din il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 48 TFUE.

L-objettiv ġenerali tal-proposta hu li tkompli bil-modernizzazzjoni tar-regoli tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali billi tagħmilhom aktar ċari u aktar ġusti, u billi ttejjeb l-eżegwibbiltà tagħhom, u b'hekk tikkontribwixxi għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu tal-persuni fl-UE. B'mod partikolari, il-proposta tiffoka fuq ħames oqsma:

(i) il-benefiċċji tal-qgħad,
(ii) il-benefiċċji għall-kura fit-tul,
(iii) l-aċċess minn ċittadini mobbli ekonomikament inattivi għal ċerti benefiċċji tas-sigurtà soċjali u
(iv) il-benefiċċji marbuta mal-familja
(v) Il-leġislazzjoni applikabbli għal ħaddiema stazzjonati u mibgħuta u persuni li jaħdmu f'żewġ Stati Membri jew aktar.

F'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt (VI) tal-għażliet potenzjali ta' politika li evalwat l-effiċjenza ekonomika, soċjali, regolatorja u dik ġenerali kif ukoll il-koerenza mal-objettivi aktar ġenerali tal-UE. Il-VI kienet tkopri l-erba' oqsma tal-proposta, iżda ma kenitx testendi għall-proposti dwar it-tisħiħ tar-regoli amministrattivi dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali marbuta mal-leġislazzjoni applikabbli, speċjalment għal ħaddiema stazzjonati, li jew tqiesu li jiċċaraw l-obbligi eżistenti skont ir-Regolamenti attwali jew bħala ta' natura purament teknika. Qabel ma ressqet il-proposta tagħha, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-Istati Membri fil-Kummissjoni Amministrattiva u s-sħab soċjali. B'mod addizzjonali, tnedew żewġ konsultazzjonijiet pubbliċi f'Diċembru 2012 u f'Lulju 2015.

Il-bażi legali proposta hija l-Artikolu 48 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jirrikjedi li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja.

Il-Parlament Ewropew għadu ma tax l-opinjoni tiegħu.

F'konformità mal-preambolu previst għar-Regolament emendatorju, fil-15 ta' Frar, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva konsultazzjoni fakultattiva tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE). Il-KESE, kif ukoll il-Kumitat tar-Reġjuni, għadhom ma tawx l-opinjoni tagħhom.

Il-delegazzjonijiet kollha huma kkunsidrati li żammew ir-riżervi ġenerali ta' skrutinju tagħhom rigward il-proposta. Il-Kummissjoni affermat il-proposta oriġinali tagħha f'dan l-istadju u żammet riżerva ta' skrutinju dwar kwalunkwe bidla fiha.

In-numerazzjoni tal-paragrafi (fl-Anness I u II) hi marbuta mal-proposta tal-Kummissjoni (id-dok. 15642/16).

II. IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL TAĦT IL-PRESIDENZA MALTIJA

Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali (SQWP) beda jeżamina l-proposta fit-30 ta' Jannar 2017 u ddiskuta l-fajl f'għaxar okkażjonijiet. Huwa ddedika tliet laqgħat għal kummenti ġenerali u l-Valutazzjoni tal-Impatt (VI) relatata. Intbagħat kwestjonarju lid-delegazzjonijiet li għalih wieġbu l-maġġoranza tal-Istati Membri; it-tweġibiet għall-kwestjonarju ġew diskussi mill-SQWP fis-16 ta' Frar. Il-ġabra fil-qosor tad-diskussjonijiet dwar il-VI tinstab fl-Anness III għal dan ir-Rapport.

Il-Presidenza Maltija indirizzat partijiet mill-proposta li jikkonċernaw 'it-trattament ugwali u l-aċċess minn ċittadini mobbli ekonomikament inattivi' u 'il-leġislazzjoni applikabbli'. Rigward il-maġġoranza tad-dispożizzjonijiet, ġie rreġistrat progress sostanzjali. Madankollu, xi kwistjonijiet jeħtieġu eżami ulterjuri, minħabba l-kumplessità legali u teknika tagħhom.

Il-punti ewlenin tal-ħidma tal-Presidenza fuq il-fajl huma dawn li ġejjin:

<u>Kwistjonijiet Ewlenin/Għażliet Diskussi fil-SQWP</u>

1. TRATTAMENT UGWALI U AĊĊESS MINN ĊITTADINI MOBBLI EKONOMIKAMENT INATTIVI GĦAL ĊERTI BENEFIĊĊJI SOĊJALI

<u>Limitazzjonijiet għat-trattament ugwali f'dak jirrigwarda l-aċċess minn ċittadini mobbli ekonomikament inattivi għall-benefiċċji soċjali (il-Premessi 2, 2a (ġdida) 5, 5-a (ġdida), 5a, 5aa (ġdida), 5b, 5c, 47, 48; l-Artikolu 4, l-Artikolu 4a (ġdid) u l-Artikolu 70(4a) (ġdid)</u>

L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 jipprevedi t-trattament ugwali tal-persuni fl-ambitu personali tiegħu f'dak li jirrigwarda ċ-ċittadini ta' kwalunkwe Stat Membru, f'termini ta' benefiċċji u obbligi skont il-leġislazzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni pproponiet li tiċċara f'paragrafu 2 ġdid li, fir-rigward tal-aċċess għal benefiċċji tas-sigurtà soċjali minn ċittadini mobbli ekonomikament inattivi tal-UE, il-prinċipju ta' trattament ugwali jista' jkun soġġett għar-rekwiżit li jkollhom residenza legali kif stipulat fid-Direttiva 2004/38/KE. Fil-proposta inizjali tagħha, il-Kummissjoni kellha l-għan li tikkodifika l-kawżi tal-Qorti tal-Ġustizzja (ECJ) C-308/14 Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, C-140/12 Brey, u C-333/13 Dano.

Id-deroga mill-prinċipju fundamentali ta' trattament ugwali u l-kodifikazzjoni tal-każistika eżistenti mill-Qorti tal-Ġustizzja ġew diskussi fil-fond. Id-delegazzjonijiet qiesu li l-proposta tal-Kummissjoni ma kenitx tikkunsidra l-iżviluppi kollha f'dan il-qasam u li, minbarra dan, kellha titqies każistika oħra, jiġifieri l-kawżi C-67/14 Alimanovic u C-299/14 Garcia-Nieto.

Id-delegazzjonijiet ġeneralment jaqblu li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tippermetti (iżda ma tobbligax) lill-Istati Membri jippermettu l-aċċess għal benefiċċji speċjali mhux kontributorji fi flus li jikkostitwixxu wkoll assistenza soċjali għall-finijiet tad-Direttiva 2004/38/KE soġġett għal-limitazzjonijiet u l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 24 ta' dik id-Direttiva. Madankollu, għad hemm xi differenzi ta' fehmiet dwar l-approċċ għal-kodifikazzjoni.

Irriżultaw żewġ gruppi ta' delegazzjonijiet b'approċċ interpretattiv differenti: xi delegazzjonijiet talbu li l-prinċipju fundamentali tat-trattament ugwali taħt l-Artikolu 4 ma jintmessx u li tiġi prevista kodifikazzjoni f'dispożizzjonijiet individwali, filwaqt li delegazzjonijiet oħra tkellmu favur il-kodifikazzjoni direttament fl-Artikolu 4, kif propost mill-Kummissjoni. Dan il-grupp tal-aħħar talbu l-introduzzjoni ta' aktar dispożizzjonijiet fl-Artikolu 4 peress li l-każistika Brey u Dano u l-każistika Alimanovic u Garcia-Nieto jkopru kategoriji differenti ta' persuni li jaqgħu taħt id-Direttiva 2004/38/KE. Dawn l-erba’ sentenzi ġew kodifikati bl-introduzzjoni ta' paragrafu ġdid 4a taħt l-Artikolu 70 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, peress li kollha kemm huma jikkonċernaw benefiċċji speċjali mhux kontributorji fi flus.

Waħda mill-iktar kwistjonijiet kontroversjali li dwarha d-delegazzjonijiet ma setgħux jaqblu tikkonċerna l-kodifikazzjoni tal-kawża C-308/14 - Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit. B'mod partikolari, id-diskussjonijiet kienu jirrigwardaw jekk din il-kawża tapplikax għall-benefiċċji mhux kontributorji tas-sigurtà soċjali kollha, jew jekk għandhiex tapplika b'mod restrittiv għall-benefiċċji marbuta mal-familja, bħall-benefiċċji inkwistjoni f'dak il-każ, b'kodifikazzjoni biex jiġi inkluż paragrafu ġdid fl-Artikolu 67 fit-Titolu III, il-Kapitolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 minflok dispożizzjoni fit-Titolu I.

Matul l-aħħar laqgħa tal-grupp ta’ ħidma, għadd akbar ta' delegazzjonijiet appoġġaw l-għażla li l-kodifikazzjoni ta' din il-każistika għandha tkopri l-benefiċċji mhux kontributorji tas-sigurtà soċjali kollha, u mhux biss il-benefiċċji marbuta mal-familja. Il-Presidenza għaldaqstant introduċiet Artikolu 4a ġdid bl-għan li tikkodifika l-kawża C-308/14 - Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit.

Filwaqt li l-Artikolu 70(4a)[1] kif propost mill-Presidenza jidher aċċettabbli għall-maġġoranza tad-delegazzjonijiet, il-kwistjoni tal-kodifikazzjoni tal-kawża C-308/14 - Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit ser teħtieġ aktar ħidma fil-livell tal-esperti ('benefiċċji mhux kontributorji tas-sigurtà soċjali koperti mill-Artikolu 3' tħalliet bejn parentesi, ara l-Anness I, il-Premessa 5a u l-Artikolu 4a(1)).

---

[1] L-Artikolu 70(4a) ġie nnumerat mill-ġdid u huwa relatat ma' dak li qabel kien l-Artikolu 70(5) fl-aħħar test ta’ kompromess tal-Presidenza.

Abbażi tad-diskussjonijiet, il-Presidenza ċċarat ukoll, fl-Artikolu 4a(2) ġdid u l-Premessa l-ġdida 5aa, li l-limitazzjonijiet għandhom japplikaw ukoll għal persuni koperti mir-Regolament apparti ċ-ċittadini tal-UE, jiġifieri persuni apolidi u rifuġjati kif ukoll il-membri tal-familja tagħhom u s-superstiti tagħhom li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet għal residenza legali skont dispożizzjonijiet oħra rilevanti tad-dritt tal-Unjoni. Dan hu bbażat fuq ftehim ġenerali fil-Grupp ta' Ħidma li tali persuni m'għandhomx jiġu trattati b'mod aktar favorevoli miċ-ċittadini tal-Unjoni.

Il-Presidenza qed tissuġġerixxi wkoll li tiżdied Premessa ġdida 5-a (b'rabta mal-Artikolu 70 (4a) li jikkodifika s-sentenzi Brey, Dano, Alimanovic u Garcia-Nieto), il-Premessa 5a (b'rabta mal-Artikolu 4a li jikkodifika s-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit), il-Premessa l-ġdida 5aa (b'rabta mal-kjarifika biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' Stat Membru ma jkunux trattati b'mod inqas favorevoli minn persuni oħra koperti mir-Regolament f'sitwazzjoni komparabbli).
Abbażi tal-eżitu tad-diskussjonijiet li seħħew fil-livell tal-esperti, il-Presidenza qed tipproponi li titħassar il-Premessa 5b dwar assigurazzjoni komprensiva tal-mard, li titħassar il-Premessa 5c li tirreferi għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u li l-Premessi 47 u 48 jingħaqdu flimkien (Premessa 47). Il-Grupp ta' Ħidma laħaq qbil ġenerali dwar dan l-approċċ.

2. LEĠISLAZZJONI APPLIKABBLI

(a) Membri tal-ekwipaġġ tat-titjira jew tal-ekwipaġġ tal-kabina

(i) Il-premessa 18b u l-Artikolu 11(5) tar-Regolament 883/2004

L-Artikolu 11(5) tar-Regolament Nru 883/2004 jistabbilixxi li l-attività li ssir minn membri tal-ekwipaġġ tat-titjira jew tal-ekwipaġġ tal-kabina għandha titqies bħala attività mwettqa fl-Istat Membru (SM) fejn tinsab il-bażi tas-servizz. Il-proposta tal-Kummissjoni taġġorna l-Artikolu 11(5) u l-Premessa 18b biex isiru konformi mad-definizzjoni l-ġdida ta' "bażi tas-servizz" fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012.

Ma tqajmet ebda kwistjoni kbira fil-Grupp ta’ Ħidma dwar dan l-aġġornament, madankollu xi SM kellhom dubji dwar jekk ikunx prattiku li wieħed jiddetermina l-attività mwettqa bħala "esklussivament" fl-Istat Membru tal-bażi tas-servizz. Peress li l-kelma “esklussivament” ma tirriżultax direttament mill-allinjament tad-definizzjonijiet, il-Presidenza pproponiet li titneħħa. Ebda Stat Membru ma esprima oppożizzjoni għal dan. Kif ġibdet l-attenzjoni l-Kummissjoni, irrispettivament minn jekk il-kelma “esklussivament” tidhirx fit-test jew le, l-Artikolu 11(5) jipprovdi regola dwar il-konflitt tal-liġijiet biex tiġi determinata leġislazzjoni applikabbli waħda; għaldaqstant tista' tapplika bażi tas-servizz waħda biss.

Il-Presidenza tqis li ntlaħaq qbil ġenerali dwar l-Artikolu 11(5) u l-Premessa 18b tar-Regolament 883/2004.

(ii) L-Artikolu 15(2) tar-Regolament 987/2009

Il-Kummissjoni pproponiet li, fl-Artikolu 15(2), tiżdied referenza għall-Artikolu 11(5) biex jiġi previst il-ħruġ ta’ Dokument Portabbli A1 (PDA1) għall-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira u tal-ekwipaġġ tal-kabina msemmija fl-Artikolu 11(5) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004.

Kien hemm qbil ġenerali fil-Grupp ta’ Ħidma dwar din id-dispożizzjoni kif proposta mill-Kummissjoni.

(b) **Regoli speċjali dwar il-leġislazzjoni applikabbli**

(i) **L-Artikolu 12 tar-Regolament 883/2004**

L-Artikolu 12 jiddetermina liema leġislazzjoni tal-Istat Membru hija applikabbli għal persuni impjegati jew li jaħdmu għal rashom, li jwettqu attività fi Stat Membru u li jintbagħtu jew li jmorru fi Stat Membru ieħor biex jaħdmu hemm għal perijodu massimu ta' 24 xahar. Il-Kummissjoni pproponiet l-aġġornament tat-terminoloġija użata, sabiex "ħaddiem stazzjonat" fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 jiġi allinjat ma' "ħaddiem stazzjonat" fis-sens tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema, u għaldaqstant issir distinzjoni bejn ħaddiema "stazzjonati" u "mibgħuta" biex tissaħħaħ iċ-ċarezza legali. Minbarra dan, il-proposta testendi l-projbizzjoni fuq is-sostituzzjoni ta' ħaddiema stazzjonati b'persuni li jaħdmu għal rashom.

Kien hemm qbil ġenerali fil-Grupp ta' Ħidma li jkun diffiċli li tiġi implimentata fil-prattika d-distinzjoni proposta bejn ħaddiema "stazzjonati" u "mibgħuta" u li l-ispejjeż ta' din il-bidla jissuperaw il-benefiċċji minimi tagħha. Barra minn hekk, filwaqt li ċerti SM kienu favur interpretazzjoni ġenerali ta' sostituzzjoni, oħrajn għażlu approċċ aktar ristrett.

Sabiex titjieb iċ-ċarezza dwar it-terminoloġija użata taħt id-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema u r-Regolament dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali, il-Presidenza pproponiet li tissostitwixxi t-terminu ħaddiem "stazzjonat" bit-terminu ħaddiem "mibgħut" biex b'hekk wieħed jirreferi kemm għall-persuni impjegati kif ukoll għal dawk li jaħdmu għal rashom. B'dan il-mod, it-terminu "stazzjonat" ma jibqax rilevanti għad-determinazzjoni tal-leġislazzjoni applikabbli skont ir-Regolament u jfisser biss ħaddiem stazzjonat skont id-Direttiva 96/71/KE.

Sabiex jiġu akkomodati ż-żewġ approċċi diverġenti dwar l-interpretazzjoni ta' sostituzzjoni, il-Presidenza żammet approċċ usa’ fl-Artikolu 12(2) li għaraf li l-projbizzjoni tas-sostituzzjoni tista' tinkiser anke f'każijiet fejn il-persuna li tissostitwixxi ħaddiem jew persuna li taħdem għal rasha tkun koperta mil-leġislazzjoni ta' Stat Membru differenti. Apparti dan, il-Presidenza introduċiet Artikolu 12(2a) ġdid biex ikunu jistgħu jsiru eċċezzjonijiet mill-projbizzjoni tas-sostituzzjoni. L-Artikolu 12(2a) ġdid jippermetti deroga limitata mill-projbizzjoni ġenerali tas-sostituzzjoni ta’ ħaddiema mibgħuta/persuni li jaħdmu għal rashom sakemm il-ħin totali tax-xogħol jew tal-attività ma jaqbiżx l-24 xahar. Matul l-aħħar Grupp ta’ Ħidma l-Presidenza nnutat appoġġ ġenerali għall-formulazzjoni proposta tagħha. L-aħħar modifiki għall-Artikolu 12(2a) għandhom l-għan li jrendu l-formulazzjoni aktar preċiża, skont l-appoġġ tad-delegazzjonijiet għall-approċċ ġenerali f'dan il-paragrafu.

Il-Presidenza tqis li ntlaħaq qbil ġenerali dwar l-Artikolu 12 tar-Regolament 883/2004.

(ii) L-Artikolu 14 tar-Regolament 987/2009: Dettalji relatati mal-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament 883/2004

L-Artikolu 14(1) jipprevedi obbligu li l-ħaddiem ikun preċedentement affiljat mas-sistema tas-sigurtà soċjali tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit l-impjegatur tiegħu. Il-Kummissjoni pproponiet li tissostitwixxi l-Istat Membru tal-istabbiliment tal-impjegatur bl-Istat Membru li jkun bagħat u li tallinja l-ewwel paragrafu mal-proposta tagħha dwar l-Artikolu 12 (mibgħut/stazzjonat u rabta mad-Direttiva 96/71/KE).

L-Artikolu 14(5a) jiċċara li, f'każ ta' attività f'diversi Stati Membri, impjegat ikun soġġett għal-leġislazzjoni tal-Istat Membru fejn jinsab l-uffiċċju reġistrat jew il-post tan-negozju tal-impjegatur jew tal-impriża, biss dment li l-impjegatur iwettaq attività sostanzjali f'dak l-Istat Membru. Inkella l-impjegat għandu jkun kopert mil-leġislazzjoni tal-Istat Membru fejn jinsab iċ-ċentru ta' interess jew tal-attivitajiet tal-impjegatur.

Fl-Artikolu 14(12), ċittadin tal-UE li jirresjedi f'pajjiż terz u li jaħdem għal rasu jew bħala impjegat f'żewġ stati Membri jew aktar, u bis-saħħa tal-leġislazzjoni nazzjonali ta' dawk l-Istati Membri, huwa soġġett għal-leġislazzjoni ta' dawk l-Istati, ikun soġġett biss għal-leġislazzjoni fil-qasam tas-sigurtà soċjali tal-Istat Membru tal-uffiċċju rreġistrat jew tal-post tan-negozju jew taċ-ċentru ta' interess tal-attività tiegħu, daqs li kieku kien l-istat ta' residenza tiegħu.

Fl-aħħar laqgħa tal-SQWP, il-Presidenza ppreżentat żewġ alternattivi għall-paragrafu 1 kif ukoll għall-paragrafu 5a. Rigward l-Artikolu 14(1), għadd kbir ta' delegazzjonijiet ippreferew l-alternattiva 1, jiġifieri 'l-Istat Membru li jibgħat f'konformità mat-Titolu II tar-Regolament bażiku'. Għadd iżgħar ta' delegazzjonijiet ippreferew l-alternattiva 2, jiġifieri 'l-ewwel Stat Membru msemmi fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament bażiku', filwaqt li t-tielet grupp ta' delegazzjonijiet iddikjaraw li huma kienu jippreferu li jinżamm l-istatus quo, jiġifieri l-Istat Membru fejn ikun stabbilit l-impjegatur. Il-Presidenza għaldaqstant qed tissuġġerixxi li wieħed jipproċedi fuq il-bażi tal-alternattiva 1, iżda qed tqiegħed it-test bejn parentesi minħabba li jistgħu jkomplu d-diskussjonijiet dwar din il-kwistjoni (Ara l-Anness II, l-Artikolu 14(1)).

Jistgħu jkunu meħtieġa wkoll aktar diskussjonijiet taħt dan l-Artikolu 14(1) fir-rigward tal-proposti mressqa minn xi delegazzjonijiet, abbażi tar-Rapport tal-Grupp Ad Hoc dwar Kwistjonijiet ta’ Stazzjonar (Mejju 2016), li ġie stabbilit mill-Kummissjoni Amministrattiva fit-341 laqgħa tagħha fid-9 ta’ Diċembru 2014, li l-Artikolu 14(1) għandu jkun fih kondizzjoni ta' 'affiljazzjoni minn qabel' għal-leġislazzjoni tal-Istat Membru li jibgħat għal perijodu ta' mill-inqas tliet xhur qabel ma jkun eliġibbli li jintbagħat skont l-Artikolu 12. Dawk id-delegazzjonijiet qed jagħmlu wkoll proposti dwar 'projbizzjoni tas-sostituzzjoni', jiġifieri li f'każ li ħaddiem ikun temm perijodu li matulu kien intbagħat skont l-Artikolu 12(1), ma jkun jista' jibda ebda perijodu ġdid għall-istess ħaddiem u l-istess Stat Membru sakemm ma jgħaddu mill-inqas tliet xhur minn tmiem il-perijodu preċedenti. Dawn id-delegazzjonijiet qed jitolbu li dan japplika wkoll jekk il-ħaddiem ikun eżerċita attività fl-Istat Membru ta' impjieg waqt li kien kopert mil-leġislazzjoni ta' Stat Membru differenti f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004.

B'mod simili, miż-żewġ alternattivi proposti mill-Presidenza skont il-paragrafu 5a, għadd kbir ta’ delegazzjonijiet kienu favur l-ewwel alternattiva, jiġifieri 'Istat Membru fejn l-impriża twettaq il-parti l-kbira tal-attivitajiet tagħha f’termini tad-durata tal-attivitajiet imwettqa u/jew l-għadd ta’ servizzi mogħtija' milli t-tieni alternattiva, jiġifieri 'Istat Membru ta' residenza tal-persuna impjegata kkonċernata'[2]. Madankollu, grupp ieħor ta’ delegazzjonijiet huwa mħasseb li l-bidla għall-Artikolu 14(5a) tista' toħloq piżijiet amministrattivi żejda għall-istituzzjonijiet, u kienu kontra l-introduzzjoni tar-rekwiżit ta’ attivitajiet sostanzjali f’dan l-Artikolu, b'hekk favur l-istatus quo.

---

2 Il-Kummissjoni esprimiet riżervi sinifikanti dwar approċċ bħal dan li jkun ifisser rigress minn emendi preċedenti għar-Regolamenti u jista' jiffaċilita mġiba opportunista.

Xi delegazzjonijiet iddikjaraw li jkunu jistgħu jaċċettaw l-inklużjoni ta' attivitajiet sostanzjali jekk ikun hemm esklużjoni speċifika għas-settur tat-trasport internazzjonali. Il-Presidenza għalhekk tipproponi li żżomm l-ewwel alternattiva bejn parentesi u li jitkomplew id-diskussjonijiet dwar jekk ir-rekwiżit ta' attivitajiet sostanzjali għandux japplika għall-Artikoli kemm 12 kif ukoll 13, u jekk dan ikun il-każ, f'liema Stat Membru l-impriża għandha titqies li jkollha l-uffiċċju rreġistrat jew il-post tan-negozju f'każ li ma twettaqx attivitajiet sostanzjali fl-Istat Membru fejn jiġu adottati d-deċiżjonijiet essenzjali tal-impriża u fejn jitwettqu l-funzjonijiet tal-amministrazzjoni ċentrali tagħha (ara l-Anness II, l-Artikolu 14(5a)).

Rigward l-Artikolu 14(12), intlaħaq ftehim ġenerali dwar id-determinazzjoni tal-leġislazzjoni applikabbli billi jitqies b'mod fittizju li l-post ta' residenza jkun fl-Istat Membru fejn ċittadin tal-UE li jirresjedi barra l-UE jwettaq il-parti l-kbira tal-attivitajiet tiegħu f'termini ta' ħin tax-xogħol, pjuttost milli l-Istat Membru tal-uffiċċju rreġistrat jew tal-post tan-negozju jew taċ-ċentru tal-interess tal-attività tiegħu, kif propost mill-Kummissjoni.

(iii) l-Artikolu 16 tar-Regolament 987/2009: Proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku

L-Artikolu 16 rigward il-proċedura għad-determinazzjoni tal-leġislazzjoni applikabbli f'każ ta' impjieg f'żewġ Stati Membri jew aktar. Fil-paragrafi 1 u 5, il-Kummissjoni pproponiet li impjegatur ikun jista' jibda l-proċedura f'isem l-impjegati tiegħu u li l-impjegatur għandu jiġi notifikat bid-deċiżjoni meħuda dwar liema leġislazzjoni tas-sigurtà soċjali tapplika. L-istituzzjoni fejn jinsab l-impjegatur għandha tiġi mgħarrfa wkoll b'din id-Deċiżjoni. Jekk l-istituzzjoni tal-post ta' residenza tiddetermina li tapplika l-leġislazzjoni ta' Stat Membru ieħor, il-proċedura eżistenti li tinkludi, l-ewwel, determinazzjoni proviżorja ssir definittiva fi żmien xahrejn, sakemm l-istituzzjoni l-oħra kkonċernata ma tikkontestax dik id-deċiżjoni f'dak il-perijodu.

Wara diskussjonijiet dettaljati u rfinar, kien hemm qbil ġenerali dwar l-Artikolu kollu, kif irriżulta mill-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma.

(c) L-obbligu tal-awtoritajiet kompetenti (l-Artikolu 75a tar-Regolament 883/2004)

Il-Kummissjoni pproponiet li l-obbligu eżistenti li jinsab fl-Artikolu 89(3) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 jitmexxa għal Artikolu ġdid fir-Regolament (KE) Nru 883/2004 biex tingħata aktar prominenza lil din id-dispożizzjoni li permezz tagħha l-istituzzjonijiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet tagħhom ikunu konxji tad-dispożizzjonijiet rilevanti relatati mal-koordinazzjoni u jikkonformaw magħhom, inkluż id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Amministrattiva. Ġie introdott ukoll obbligu biex tiġi promossa l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet kompetenti u l-ispettorati tax-xogħol fil-livell nazzjonali.

Kien hemm qbil ġenerali fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-test ta' din id-dispożizzjoni, kif irriżulta mid-diskussjoni tiegħu.

(d) Atti ta' implimentazzjoni (l-Artikoli 72 (ea) (ġdid), 76a u 76b (ġdid) tar-Regolament 883/2004)

Il-Kummissjoni pproponiet li jiddaħħal l-Artikolu 76a biex tingħata s-setgħa lill-Kummissjoni Ewropea biex tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 291 TFUE sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni tar-regoli speċjali li jinsabu fl-Artikoli 12 u 13. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li l-Kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 għandu jkun il-Kummissjoni Amministrattiva (KA) msemmija taħt it-Titolu IV tar-Regolament (UE) 883/2004.

Il-Presidenza pproponiet it-tħassir, fost l-oħrajn, tar-referenza għal "id-determinazzjoni ta' sitwazzjonijiet meta d-dokument għandu jinħareġ", minħabba li kkunsidrat li dawn is-sitwazzjonijiet huma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 987/2009. Hija pproponiet ukoll li l-paragrafu 3 jiġi ttrasformat f'Artikolu 76b separat, filwaqt li jitneħħa r-rwol doppju tal-KA, b'kont meħud tad-diffikultajiet prattiċi marbuta miegħu u r-rwol speċifiku tal-kumitat tal-komitoloġija skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Il-Grupp ta' Ħidma kellu wkoll diskussjoni estensiva dwar ir-rwol tal-KA, il-kontribut tagħha fil-ħidma tal-Kummissjoni u r-relazzjoni bejn id-deċiżjonijiet mhux vinkolanti tagħha u l-atti ta' implimentazzjoni vinkolanti legalment. Sabiex jissaħħaħ ir-rwol espert tal-Istati Membri, fl-Artikolu 76b(3) ġiet introdotta klawżola ta' ebda opinjoni kif sar possibbli skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Bl-istess mod, il-KA ser tintalab tipprovdi opinjonijiet qabel ma l-Kummissjoni tadotta att ta' implimentazzjoni mingħajr ma timmodifika l-proċedura għall-adozzjoni ta' atti bħal dawn; peress li dan it-test ġie maqbul fil-prinċipju fl-aħħar Grupp ta' Ħidma, il-Presidenza tissuġġerixxi li jitmexxa mill-Artikolu 76a(3) għal paragrafu ġdid (ea) taħt l-Artikolu 72 fir-rigward tal-kompiti tal-KA u li tiġi adattata kemxejn il-formulazzjoni tiegħu.

Il-Presidenza tqis li l-Grupp ta’ Ħidma laħaq qbil ġenerali dwar il-prinċipji li jissottolinjaw l-Artikoli 72 (ea), 76a u 76b tar-Regolament 883/2004.

(e) **Definizzjoni ta' frodi (l-Artikolu 1 tar-Regolament 987/2009)**

Il-Kummissjoni emendat l-Artikolu 1 biex tinkludi definizzjoni ġdida ta' "frodi" marbuta mal-proposta tagħha fl-Artikolu 5(2).

Il-Presidenza tqis li ntlaħaq qbil ġenerali dwar dan l-Artikolu.

(f) **Valur legali tad-dokumenti u l-evidenza ta’ sostenn maħruġa fi Stat Membru ieħor (l-Artikolu 5 u Artikolu 19a (ġdid) tar-Regolament 987/2009)**

Fl-Artikolu 5, il-Kummissjoni pproponiet diversi emendi dwar il-validità ta’ dokumenti maħruġa u fir-rigward tal-proċedura ta’ kontestazzjoni. B'mod partikolari, ġie introdott rekwiżit li jipprevedi li dokument ta’ dikjarazzjoni maħruġ minn istituzzjoni għandu jkun validu biss meta l-informazzjoni obbligatorja kollha tkun sħiħa. Barra minn hekk, ġiet proposta skadenza ta’ 25 jum ta’ xogħol biex l-istituzzjonijiet tal-ħruġ janalizzaw ir-raġunijiet għall-ħruġ ta’ dokument u, fejn meħtieġ, jirrettifikaw jew jirtiraw b’effett retroattiv, u ta' jumejn ta' xogħol f’każ ta’ urġenza. Dawn l-iskadenzi huma ispirati mid-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Istazzjonar 2014/67/UE.

Wara analiżi fil-fond tal-artikolu, abbażi ta’ proposta minn delegazzjoni waħda li kienet appoġġata minn delegazzjonijiet oħrajn, il-Presidenza ssuġġeriet li t-test tal-Artikolu 5 jinqasam f'żewġ partijiet; il-parti ġenerali dwar il-validità tad-dokumenti maħruġin tibqa’ taħt l-Artikolu 5, filwaqt li l-parti dwar il-kooperazzjoni f’każ ta’ dubji dwar il-validità ta’ dokumenti maħruġin li jikkonċernaw il-proċedura tal-leġislazzjoni applikabbli titmexxa għall-Artikolu 19a taħt it-Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 987/2009.

Fl-aħħar Grupp ta' Ħidma, kien hemm qbil ġenerali li jiġi segwit dan l-approċċ. Intlaħaq qbil ġenerali dwar l-Artikolu 5, bl-eċċezzjoni ta' sentenza waħda fl-aħħar tal-paragrafu 1 rigward ir-rekwiżit li jimtlew it-taqsimiet obbligatorji kollha fil-formola, biex b'hekk id-dokument jitqies bħala validu. It-test rilevanti tpoġġa bejn parentesi (ara l-Artikolu 5(1) tal-Anness II) u jeħtieġ eżami ulterjuri minħabba li attwalment Dokumenti Portabbli m'għandhomx oqsma obbligatorji bħal dawn indikati, u r-relazzjoni tiegħu mal-Artikolu 76a dwar l-atti ta' implimentazzjoni.

Fir-rigward tal-Artikolu 19a, il-Grupp ta' Ħidma laħaq qbil ġenerali dwar dan l-Artikolu. L-iskadenzi għall-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet ġew estiżi għal 30 jum ta' xogħol taħt proċeduri normali, u għall-proċedura ta' urġenza għal għaxart ijiem ta' ħidma. Madankollu, għad hemm kwistjoni miftuħa: il-Presidenza qed tipproponi li jinżamm il-prinċipju ta' effett retroattiv tal-irtirar jew ir-rettifika li jidher li kien appoġġat minn għadd akbar ta' delegazzjonijiet fl-aħħar Grupp ta' Ħidma. Dan għadu jeħtieġ aktar eżami, għaliex hemm grupp sostanzjali ta' delegazzjonijiet li jopponuh, b'mod partikolari waqt li jirreferu għall-kumplikazzjonijiet amministrattivi tal-irtirar retroattiv u wkoll għall-impossibbiltà li wieħed ikun jaf dwar stazzjonar żbaljat f'ċerti każijiet ta' sostituzzjoni għall-istituzzjoni tal-ħruġ. Għalhekk, is-sentenza rilevanti tpoġġiet bejn il-parentesi (ara l-Artikolu 19a(2) tal-Anness II).

Kwistjoni miftuħa oħra tikkonċerna l-effett tal-opinjonijiet tal-Bord ta' Konċiljazzjoni tal-KA. Grupp ta' delegazzjonijiet ippreżentaw proposta favur li l-awtoritajiet kompetenti li volontarjament jitolbu l-konċiljazzjoni tal-KA għandhom jimpenjaw ruħhom biex jikkonformaw mad-deċiżjonijiet tal-KA skont il-proċedura ta' konċiljazzjoni, u jekk meħtieġ jirtiraw jew jiddikjaraw invalidi d-dokumenti maħruġin. Dan il-punt tqajjem fir-rigward tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (ECJ) li permezz tagħhom id-dokumenti portabbli jistgħu jiġu rtirati biss mill-istituzzjoni tal-ħruġ u dan iwassal għal ħafna diffikultajiet prattiċi min-naħa tal-istituzzjonijiet li qed jagħmlu t-talba.

(g) **l-Artikolu 73 tar-Regolament 987/2009: Ħlas ta' benefiċċji fi flus u in natura u kontribuzzjonijiet mogħtija jew imħallsa indebitament**

Il-proposta tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 73 tikkonċerna, fil-paragrafu 1 u 2, l-applikazzjoni tal-proċedura ta' tpaċija għall-ħlas ta' talbiet għal każijiet li jirriżultaw minn bidla retroattiva tal-leġislazzjoni applikabbli. Paragrafu ġdid 4 ġie miżjud sabiex jiġi żgurat li l-limiti ta' żmien nazzjonali ma jistgħux ikunu r-raġuni għaċ-ċaħda tas-soluzzjoni ta' talbiet bejn l-istituzzjonijiet. Taħt il-paragrafu 5, il-Kummissjoni tipproponi li tintroduċi l-perijodu ta' 5 snin għall-proċedura skont dan l-Artikolu 73 li jkun jgħodd b'lura mid-data tat-tnedija ta' proċedura għar-riżoluzzjoni ta' tilwim bejn l-Istati Membri msemmija fl-Artikoli 5(2) jew 6(3).

Minħabba l-kumplessità teknika kbira u l-kontenut, ġie deċiż li d-dibattitu dwar l-Artikolu 73 jiġi pospost għal stadju aktar tard, meta t-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 jiġi diskuss fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali. Id-delegazzjonijiet qablu wkoll diġà li din il-kwistjoni teħtieġ aktar diskussjonijiet bejn l-esperti.

III. KONKLUŻJONIJIET

Il-Presidenza Maltija investiet sforzi konsiderevoli biex tagħmel kemm jista' jkun progress fiż-żewġ kapitoli kkonċernati. Il-Presidenza tqis li ntlaħaq qbil ġenerali mill-Grupp ta' Ħidma dwar għadd kbir ta' dispożizzjonijiet.

Madankollu, għad hemm il-ħtieġa għal aktar diskussjonijiet fil-livell tekniku dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

1) **L-Artikolu 4a tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u l-Premessa 5a relatata**: liema benefiċċji għandha tkopri l-kodifikazzjoni tal-kawża C-308/14 il-Kummissjoni Ewropea vs ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq?

2) **L-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009**: id-dokumenti maħruġin għandhom ikunu validi biss jekk it-taqsimiet kollha indikati bħala obbligatorji jimtlew?

3) **L-Artikolu 5(4) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009**: f'dan l-Artikolu għandu jiġi inkluż li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimpenjaw ruħhom li jikkonformaw mal-opinjoni tal-Bord ta' Konċiljazzjoni, li huwa kumitat tal-Kummissjoni Amministrattiva, u jekk meħtieġ jirtiraw jew jiddikjaraw bħala invalidi d-dokumenti maħruġin jekk l-opinjoni tal-Bord ta' Konċiljazzjoni tiddikjara dan?

4) **L-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009**: dan l-Artikolu għandu jiġi emendat kif propost fl-opzjoni 1 tal-Presidenza, u l-kondizzjonijiet il-ġodda ta' "affiljazzjoni minn qabel" u "projbizzjoni ta' sostituzzjoni" (it-tnejn ta' tliet xhur) għandhom jiġu introdotti?

5) **L-Artikolu 14(5a) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009**: ir-rekwiżit ta' "attivitajiet sostanzjali" għandu jiġi introdott f'dan l-Artikolu, biex ikopri kemm l-Artikolu 12 kif ukoll l-Artikolu 13 (bl-esklużjoni possibbli tas-settur tat-trasport internazzjonali), u jekk iva, f'liema Stat Membru għandu jiġi kkunsidrat li l-impriża għandha l-uffiċċju rreġistrat jew il-post tan-negozju tagħha f'każ li ma twettaqx attivitajiet sostanzjali fl-Istat Membru fejn id-deċiżjonijiet essenzjali tal-impriża jiġu adottati u fejn jitwettqu l-funzjonijiet ta' amministrazzjoni ċentrali tagħha?

6) **L-Artikolu 19a(2) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009**: irtirar jew rettifika taħt dan l-Artikolu għandu jkollha dejjem effett retroattiv, sakemm ma jiġix maqbul mod ieħor mill-Istati Membri kkonċernati skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku, b'kont meħud tal-interess tal-persuna(i) kkonċernata(i)?

Il-Presidenza tqis li l-eżitu tal-ħidma tagħha huwa pass importanti biex jiġu ċċarati d-dispożizzjonijiet rilevanti taż-żewġ kapitoli u jirrappreżenta bażi solida sabiex titkompla d-diskussjoni dwar il-proposta kollha, sabiex tiġi ffinalizzata l-ħidma fil-Kunsill mill-aktar fis possibbli.

Dispożizzjonijiet fil-proposta relatati ma': *Trattament ugwali u aċċess għall-benefiċċji soċjali*

Regolament (KE) Nru 883/2004

Premessa 2

It-Trattat ma jipprevedix setgħat ħlief dawk tal-Artikolu 308 biex jittieħdu miżuri xierqa fil-qasam tas-sigurtà soċjali għal persuni li mhumiex persuni impjegati.

Premessa 2a

L-Artikoli 45 u 48 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiżguraw il-moviment liberu tal-ħaddiema li jinvolvi l-abolizzjoni ta' kull diskriminazzjoni bbażata fuq iċ-ċittadinanza u jipprevedu l-adozzjoni tal-miżuri meħtieġa fil-qasam tas-sigurtà soċjali biex tiġi żgurata dik il-libertà. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 21 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt li jmur minn post għal ieħor u li joqgħod liberament fit-territorju tal-Istati Membri, salvi l-limitazzjonijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattati u d-dispożizzjonijiet meħuda sabiex dan jitwettaq.

Premessa 5

Huwa neċessarju, fi ħdan il-qafas ta' din il-kordinazzjoni, li fl-Unjoni jkun garantit trattament ugwali għall-persuni kkonċernati taħt il-leġislazzjonijiet nazzjonali differenti.

Premessa 5(-a)

Bl-applikazzjoni tal-prinċipju ġenerali ta' trattament ugwali previst f'dan ir-Regolament, il-Qorti sostniet fis-sentenzi tagħha fil-kawżi C-140/12 Brey, C-333/13 Dano, C-67/14 Alimanovic u C-299/14 Garcia-Nieto, li trattament ugwali, fir-rigward tal-aċċess għal benefiċċji speċjali nonkontributorji fi flus, li jikkostitwixxu wkoll assistenza soċjali skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/38/KE, jista' jkun soġġett għal-limitazzjonijiet u l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 24 ta' dik id-Direttiva. Sabiex tittejjeb iċ-ċarezza ġuridika għaċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet, jeħtieġ li din il-każistika tiġi kkodifikata. Il-limitazzjonijiet għat-trattament ugwali għandhom jirrispettaw id-dritt tal-Unjoni, inkluż il-prinċipju ta’ proporzjonalità kif interpretat mill-Qorti.

Premessa 5a

Il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha fil-kawża C-308/14 Il-Kummissjoni Ewropea vs ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq, sostniet li, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż il-prinċipju ta' proporzjonalità, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-aċċess tal-persuni koperti mill-Artikolu 11(3)(e) ta' dan ir-Regolament għal [benefiċċji mhux kontributorji tas-sigurtà soċjali koperti mill-Artikolu 3],[3] soġġett għall-kondizzjoni li dawk il-persuni jkollhom dritt legali ta' residenza f'konformità mad-Direttiva 2004/83/KE. Kif iddikjarat mill-Qorti, il-verifika tad-dritt legali ta’ residenza għandha ssir skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2004/38/KE. Sabiex tittejjeb iċ-ċarezza tad-dritt għaċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet, din il-każistika għandha tiġi kkodifikata.

Premessa 5aa

Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta’ Stat Membru ma jiġux ittrattati b’mod inqas favorevoli minn persuni oħra koperti minn dan ir-Regolament f’sitwazzjoni paragunabbli. Il-limitazzjonijiet għat-trattament ugwali introdotti f’dan ir-Regolament għandhom għalhekk, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta’ trattament ugwali previsti f’dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni, japplikaw ukoll *mutatis mutandis* għall-grupp imsemmi l-aħħar.

---

[3] Ara r-Rapport, it-Taqsima II(1).

Premessa 5b

[…]

Premessa 5c

[…]

Premessa 47

Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Premessa 48

[…]

Artikolu 4
Trattament Ugwali

Sakemm dan ir-Regolament ma jgħidx mod ieħor, persuni li għalihom japplika dan ir-Regolament għandhom igawdu l-istess benefiċċji u għandhom ikunu soġġetti għall-istess obbligi skont il-leġislazzjoni ta' kull Stat Membru daqs li kieku kienu ċittadini tiegħu.

Artikolu 4a

Limitazzjonijiet għat-trattament ugwali għal persuni li ma jkollhomx dritt legali ta' residenza skont id-dritt tal-Unjoni

1. B'deroga mill-Artikolu 4, Stat Membru li l-leġislazzjoni tiegħu hija applikabbli abbażi tal-Artikolu 11(3)(e) ta' dan ir-Regolament jista', f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, jipprevedi li l-aċċess għal [benefiċċji tas-sigurtà soċjali nonkontributorji koperti mill-Artikolu 3][4] ikun soġġett għall-kondizzjoni li persuna jkollha dritt ta' residenza legali f'konformità mad-Direttiva 2004/38/KE.

2. L-Istati Membri jistgħu japplikaw il-limitazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ukoll *mutatis mutandis* għal persuni apolidi u refuġjati kif ukoll għall-membri tal-familji tagħhom u għas-superstiti tagħhom li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet ta' residenza jew soġġorn legali skont dispożizzjonijiet rilevanti oħra tad-dritt tal-Unjoni.

Artikolu 70

Dispożizzjoni ġenerali

4 a. F'konformità mad-dritt tal-Unjoni, Stat Membru jista' jidderoga mill-Artikolu 4 u jipprevedi li l-aċċess għall-benefiċċji msemmijin fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, li jikkostitwixxu wkoll assistenza soċjali skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/38/KE, huwa kondizzjonali fuq il-fatt li l-persuna li titlob dawn il-benefiċċji tissodisfa l-kondizzjonijiet għal trattament ugwali skont l-Artikolu 24 ta' dik id-Direttiva.

---

[4] Ara r-Rapport, it-Taqsima II(1).

Dispożizzjonijiet fil-proposta relatati ma': *Leġislazzjoni Applikabbli*

Regolament (KE) Nru 883/2004

Premessa 18b

Fl-Anness III, is-Subparti FTL tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 83/2014/UE tad-29 ta' Jannar 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 965/2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-kunċett ta' bażi tas-servizz għall-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira u tal-ekwipaġġ tal-kabina huwa ddefinit bħala l-post, assenjat mill-operatur lill-membru tal-ekwipaġġ, li minnu l-membru tal-ekwipaġġ normalment jibda u jispiċċa perijodu ta' xogħol jew sensiela ta' perijodi ta' xogħol u fejn, f'kundizzjonijiet normali, l-operatur ma jkunx responsabbli għall-akkomodazzjoni tal-membru tal-ekwipaġġ ikkonċernat.

Artikolu 11
Regoli ġenerali

5. Attività bħala membru tal-ekwipaġġ tal-ajru jew tal-ekwipaġġ tal-kabina li jwettaq servizzi għall-passiġġieri jew għall-merkanzija tal-ajru għandha titqies bħala attività mwettqa fl-Istat Membru fejn tinsab il-bażi tas-servizz kif definit fis-Subparti FTL tal-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 83/2014/UE tad-29 ta' Jannar 2014.

Artikolu 12

Regoli speċjali

1. Persuna li twettaq attività bħala persuna impjegata fi Stat Membru f'isem impjegatur li normalment iwettaq l-attivitajiet tiegħu hemmhekk, u li tintbagħat minn dak l-impjegatur fi Stat Membru ieħor biex taħdem f'isem dak l-impjegatur, għandha tibqa' soġġetta għal-leġislazzjoni tal-ewwel Stat Membru, dment li t-tul ta' żmien antiċipat ta' xogħol bħal dan ma jaqbiżx 24 xahar u dik il-persuna ma tkunx qed tieħu post persuna impjegata oħra li tkun intbagħtet preċedentement u li tkun koperta minn dan il-paragrafu jew persuna li taħdem għal rasha koperta mill-paragrafu 2.

2. Persuna li normalment twettaq attività bħala persuna li taħdem għal rasha fi Stat Membru u li tmur biex twettaq attività simili fi Stat Membru ieħor għandha tibqa' tkun soġġetta għal-leġislazzjoni tal-ewwel Stat Membru dment li t-tul ta' żmien antiċipat ta' attività bħal din ma jaqbiżx l-24 xahar u li dik il-persuna ma tkunx qed tieħu post persuna impjegata oħra li tkun intbagħtet preċedentement u li tkun koperta mill-paragrafu 1 jew persuna li taħdem għal rasha koperta minn dan il-paragrafu.

2a. Meta persuna impjegata koperta mill-paragrafu 1 jew persuna li taħdem għal rasha koperta mill-paragrafu 2 ma tlestix ix-xogħol jew l-attività u tiġi sostitwita b'persuna oħra, il-persuna l-oħra għandha tkompli tkun soġġetta għal-leġislazzjoni tal-Istat Membru minn fejn tkun intbagħtet jew fejn normalment twettaq attività bħala persuna li taħdem għal rasha dment li t-tul ta' żmien totali tax-xogħol jew tal-attività mill-persuni kollha fit-tieni Stat Membru ma jaqbiżx 24 xahar.

Artikolu 72

Kompiti tal-Kummissjoni Amministrattiva

(ea) tipprovdi opinjonijiet lill-Kummissjoni Ewropea dwar l-abbozzi ta' atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 76a qabel ma jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija f'dak l-Artikolu, u tagħmel kwalunkwe proposta rilevanti lill-Kummissjoni Ewropea għar-reviżjoni tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija;

Artikolu 75a

Obbligu tal-awtoritajiet kompetenti

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet tagħhom huma konxji mid-dispożizzjonijiet kollha, leġislattivi jew ta' natura oħra, u japplikawhom, inkluż id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Amministrattiva, fl-oqsma koperti mit-termini ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament ta' implimentazzjoni u fi ħdan dawn it-termini.

2. Sabiex tiġi żgurata d-determinazzjoni korretta tal-leġislazzjoni applikabbli, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippromwovu, fejn adegwat, il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tagħhom u korpi rilevanti oħra, inkluż l-ispettorati tax-xogħol, fl-Istati Membri tagħhom.

Artikolu 76a

Setgħa biex jiġu adottati atti ta' implimentazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-proċedura, inkluż fejn adegwat, il-limiti ta' żmien, li għandhom jiġu segwiti sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni skont kondizzjonijiet uniformi tal-Artikolu 12 u 13 ta' dan ir-Regolament. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jistabbilixxu proċeduri standard għal:

– il-ħruġ, il-format u l-kontenuti ta' dokument portabbli li jiċċertifika l-leġislazzjoni dwar is-sigurtà soċjali li tapplika għad-detentur,

– l-elementi li għandhom jiġu vverifikati qabel ma d-dokument ikun jista' jinħareġ, jiġi rtirat jew rettifikat,

– l-irtirar jew ir-rettifika tad-dokument mill-istituzzjoni tal-ħruġ meta l-preċiżjoni jew il-validità tiegħu tkun ikkontestata mill-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru fejn titwettaq l-attività abbażi ta' informazzjoni ta' sostenn, u kontestazzjoni bħal din tkun fondata.

2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 76b(2) ta' dan ir-Regolament.

3. […]

Artikolu 76b

Proċedura ta' eżami

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Il-Kumitat huwa kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan l-Artikolu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Meta l-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni Ewropea ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Regolament 987/2009

Artikolu 1
Definizzjonijiet

2(ea) 'frodi' tfisser kwalunkwe att intenzjonat jew ommissjoni intenzjonata li wieħed jaġixxi, sabiex jikseb jew jirċievi benefiċċji tas-sigurtà soċjali jew biex jevita li jħallas il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, kuntrarju għal-liġi tal-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i), ir-Regolament bażiku, jew dan ir-Regolament;

Artikolu 5
Valur legali tad-dokumenti u l-evidenza ta' sostenn maħruġa fi Stat Membru ieħor

1. Id-dokumenti maħruġa mill-istituzzjoni ta' Stat Membru u li juru l-pożizzjoni ta' persuna għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament bażiku u tar-Regolament ta' implimentazzjoni, u l-evidenza ta' sostenn li abbażi tagħha nħarġu d-dokumenti, għandhom jiġu aċċettati mill-istituzzjonijiet tal-Istati Membri l-oħrajn sakemm dawn ma jkunux ġew irtirati jew iddikjarati li huma invalidi mill-Istat Membru fejn inħarġu. [Dokumenti bħal dawn għandhom ikunu validi biss jekk it-taqsimiet indikati kollha bħala obbligatorji jimtlew] [5].

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19a, meta jkun hemm dubju dwar il-validità ta' dokument jew il-preċiżjoni tal-fatti li fuqhom huwa bbażat id-dokument, l-istituzzjoni tal-Istat Membru li tirċievi d-dokument għandha titlob lill-istituzzjoni tal-ħruġ għall-kjarifika meħtieġa u, fejn adegwat, l-irtirar jew ir-rettifika ta' dak id-dokument. L-istituzzjoni tal-ħruġ għandha tikkunsidra mill-ġdid ir-raġunijiet għall-ħruġ tad-dokument u, jekk meħtieġ, tirtirah jew tirrettifikah.

3. Meta jkun hemm dubju dwar l-informazzjoni pprovduta mill-persuna/i kkonċernata/i, il-validità ta' dokument jew l-evidenza ta' sostenn jew il-preċiżjoni tal-fatti li fuqhom huwa bbażat id-dokument, kwalunkwe istituzzjoni kkonċernata għandha, sa fejn dan ikun possibbli, fuq talba mill-istituzzjoni kompetenti, twettaq il-verifika meħtieġa ta' din l-informazzjoni jew ta' dan id-dokument.

[5] Ara r-Rapport, it-Taqsima II(2)(f).

4. Meta ma jintlaħaqx qbil bejn l-istituzzjonijiet ikkonċernati, il-kwistjoni tista' titressaq quddiem il-Kummissjoni Amministrattiva mill-awtoritajiet kompetenti mhux qabel xahar wara d-data li fiha l-istituzzjoni li rċeviet id-dokument tkun ippreżentat it-talba tagħha. Il-Kummissjoni Amministrattiva għandha tfittex li tirrikonċilja l-fehmiet fi żmien sitt xhur mid-data li fiha l-kwistjoni tressqet quddiemha.

Artikolu 14

Dettalji relatati mal-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament bażiku

1. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament bażiku, 'persuna li twettaq attività bħala persuna impjegata fi Stat Membru f'isem impjegatur li normalment iwettaq l-attivitajiet tiegħu hemmhekk u li tintbagħat minn dak l-impjegatur fi Stat Membru ieħor' għandha tinkludi persuna li tiġi reklutata bil-ħsieb li tintbagħat fi Stat Membru ieħor, dment li qabel il-bidu tal-impjieg tagħha, il-persuna kkonċernata tkun diġà soġġetta għal-leġislazzjoni [tal-Istat Membru li jkun bagħatha f'konformità mat-Titolu II tar-Regolament bażiku] [6].

(5a) Għall-fini tal-applikazzjoni tat-Titolu II tar-Regolament bażiku 'uffiċċju rreġistrat jew post tan-negozju' għandha tirreferi għall-uffiċċju rreġistrat jew il-post tan-negozju fejn id-deċiżjonijiet essenzjali tal-impriża jiġu adottati u fejn il-funzjonijiet tal-amministrazzjoni ċentrali tagħha jitwettqu, [sakemm l-impriża ma twettaqx attività sostanzjali f'dan l-Istat Membru. Inkella, għandha titqies li tinsab fl-Istat Membru fejn l-impriża twettaq il-parti l-kbira tal-attivitajiet tagħha f'termini ta' tul ta' żmien tal-attivitajiet imwettqa u/jew l-għadd ta' servizzi mogħtija] [7].

[6] Ara r-Rapport, it-Taqsima II(2)(b)(ii).
[7] Ara r-Rapport, it-Taqsima II(2)(b)(ii).

12. Jekk persuna li tirrisjedi barra t-territorju tal-Unjoni twettaq l-attività tagħha bħala persuna impjegata jew persuna li taħdem għal rasha f'żewġ Stati Membri jew aktar u jekk din il-persuna, konformi mal-leġislazzjoni nazzjonali ta' dawk l-Istati Membri, hija soġġetta għal-leġislazzjoni ta' dawk l-Istati, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku u r-Regolament ta' implimentazzjoni dwar id-determinazzjoni tal-leġislazzjoni applikabbli għandhom japplikaw *mutatis mutandis* soġġett għad-dispożizzjoni li r-residenza tagħha għandha titqies li hi fl-Istat Membru fejn il-persuna twettaq il-parti l-kbira tal-attivitajiet tagħha f'termini ta' ħin tax-xogħol fit-territorju tal-Unjoni.

Artikolu 15

Proċeduri għall-applikazzjoni tal-Artikolu 11(3)(b) u (d), l-Artikolu 11(4), l-Artikolu 11(5) u l-Artikolu 12 tar-Regolament bażiku (dwar id-dispożizzjoni ta' informazzjoni għall-istituzzjonijiet ikkonċernati)

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika *mutatis mutandis* għal persuni koperti mill-Artikolu 11(3)(d) u l-Artikolu 11(5) tar-Regolament bażiku.

Artikolu 16

Proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku

1. Persuna li twettaq attivitajiet f'żewġ Stati Membri jew aktar għandha tinforma b'dan lill-istituzzjoni magħżula mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-residenza tagħha. Din l-informazzjoni tista' tingħata wkoll mill-impjegatur f'isem il-persuna.

2. L-istituzzjoni magħżula tal-post ta' residenza għandha, mingħajr dewmien, tiddetermina l-leġislazzjoni applikabbli għall-persuna kkonċernata, wara li jitqiesu l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 14 tar-Regolament ta' implimentazzjoni. Jekk din l-istituzzjoni tiddetermina li tapplika l-leġislazzjoni tal-Istat Membru fejn tinsab din l-istituzzjoni, hija għandha tinforma lill-istituzzjonijiet magħżula ta' kull Stat Membru fejn qed titwettaq attività u/jew fejn jinsab l-impjegatur dwar id-determinazzjoni tagħha tal-leġislazzjoni applikabbli.

3. Jekk l-istituzzjoni magħżula tal-post ta’ residenza tiddetermina li l-leġislazzjoni ta’ Stat Membru ieħor tapplika, dik id-determinazzjoni għandha tkun proviżorja, u din l-istituzzjoni għandha tinforma mingħajr dewmien lill-istituzzjonijiet magħżula ta’ kull Stat Membru fejn titwettaq attività u/jew fejn jinsab l-impjegatur dwar din id-determinazzjoni proviżorja tal-leġislazzjoni applikabbli. Id-determinazzjoni proviżorja għandha ssir definittiva xahrejn wara li l-istituzzjonijiet magħżula mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati jkunu ġew informati dwarha, dment li għallinqas waħda minn dawn l-istituzzjonijiet ma tinformax lill-istituzzjoni magħżula tal-post ta’ residenza sal-aħħar ta’ dan il-perijodu ta’ xahrejn li hija għadha ma tistax taċċetta d-determinazzjoni proviżorja jew li hija għandha fehma differenti dwar dan.

5. L-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru li l-leġislazzjoni tiegħu hija determinata bħala applikabbli jew b’mod proviżorju jew b’mod definittiv għandha tinforma mingħajr dewmien lill-persuna kkonċernata u/jew lill-impjegatur tagħha dwar id-determinazzjoni.

Artikolu 19

Għoti ta’ informazzjoni lil persuni kkonċernati u lill-impjegatur

3. Kull meta istituzzjoni tintalab toħroġ l-attestazzjoni msemmija hawn fuq, hija għandha twettaq valutazzjoni adegwata tal-fatti rilevanti għall-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti fit-Titolu II tar-Regolament bażiku u tikkonferma li l-informazzjoni li tinsab fl-attestazzjoni hija korretta.

Artikolu 19a

Kooperazzjoni fil-każ ta’ dubji dwar il-validità ta’ dokumenti maħruġa dwar il-leġislazzjoni applikabbli

1. Meta jkun hemm dubju dwar il-validità ta’ dokument li juri l-pożizzjoni tal-persuna għall-finijiet tal-leġislazzjoni applikabbli jew dwar il-preċiżjoni tal-fatti li fuqhom huwa bbażat id-dokument, l-istituzzjoni tal-Istat Membru li tirċievi d-dokument għandha titlob lill-istituzzjoni tal-ħruġ għall-kjarifika meħtieġa u, fejn adegwat, għall-irtirar jew ir-rettifika ta’ dak id-dokument. L-istituzzjoni rikjedenti għandha tissostanzja t-talba tagħha u tipprovdi d-dokumentazzjoni ta’ sostenn rilevanti li wasslet għat-talba.

2. Meta tirċievi talba bħal din, l-istituzzjoni tal-ħruġ għandha tikkunsidra mill-ġdid ir-raġunijiet għall-ħruġ tad-dokument u, meta jinstab li kien hemm żball, tirtirah jew tirrettifikah fi żmien 30 jum ta' xogħol minn meta tasal it-talba. [L-irtirar jew ir-rettifika għandu jkollha effett retroattiv, sakemm ma jintlaħaqx qbil mod ieħor mill-Istati Membri kkonċernati fit-termini tal-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku, filwaqt li tieħu kont tal-interess tal-persuna/i kkonċernata/i.][8] Meta l-istituzzjoni tal-ħruġ tikkunsidra li, abbażi tal-evidenza disponibbli, m'hemmx dubju li l-applikant ta' dokument wettaq frodi, hija għandha tirtira jew tirrettifika d-dokument mingħajr dewmien u b'effett retroattiv.

3. Jekk l-istituzzjoni tal-ħruġ, wara li tkun ikkunsidrat mill-ġdid ir-raġunijiet għall-ħruġ tad-dokument ma tkunx tista' ssib xi żball, hija għandha tgħaddi lill-istituzzjoni rikjedenti l-evidenza kollha disponibbli fi żmien 30 jum ta' xogħol minn meta tasal it-talba. F'każijiet urġenti, meta r-raġunijiet għall-urġenza jkunu ġew indikati u sostanzjati b'mod ċar fit-talba, dan għandu jsir fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol minn meta tasal it-talba, minkejja l-possibbiltà li l-istituzzjoni tal-ħruġ ma tkunx lestiet id-deliberazzjonijiet tagħha skont is-subparagrafu (a) ta' hawn fuq.

4. Meta l-istituzzjoni rikjedenti, wara li tkun irċeviet l-evidenza disponibbli, jibqagħlha dubji dwar il-validità ta' dokument jew il-preċiżjoni tal-fatti li fuqhom huma bbażati d-dettalji ta' ġo fih jew li l-informazzjoni li fuqha d-dokument kien inħareġ mhix korretta, hija tista' tippreżenta evidenza għal dak il-għan u tagħmel talba oħra għal kjarifika u fejn adegwat tirtira jew tirrettfika dak id-dokument mill-istituzzjoni tal-ħruġ f'konformità mal-proċedura u l-perijodi ta' żmien stabbiliti hawn fuq.

5. Jekk id-dubji tal-istituzzjoni li tirċievi t-talba jippersistu u ma jintlaħaq l-ebda qbil bejn l-istituzzjonijiet ikkonċernati, japplika l-Artikolu 5(4) kif meħtieġ.

---

[8] Ara r-Rapport, it-Taqsima II(2)(f)

Artikolu 73

Ħlas tal-benefiċċji fi flus kontanti u in natura u l-kontribuzzjonijiet mogħtija jew imħallsa bi żball fil-każ ta' għoti proviżorju ta' benefiċċji jew bidla retroattiva tal-leġislazzjoni applikabbli

Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali ddeċieda li jipposponi d-dibattitu dwar l-Artikolu 73 għal meta jiġi diskuss it-TITOLU IV tar-Regolament ta' implimentazzjoni.

Sommarju tad-diskussjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt (VI)

B'mod ġenerali, maġġoranza kbira ta' delegazzjonijiet ħassew li l-**kuntest politiku**, il-**bażi legali** u d-**definizzjoni tal-problema** kienu spjegati b'mod ċar jew sa ċertu punt u identifikati b'mod korrett fil-VI. Madankollu, ħafna mid-delegazzjonijiet esprimew tħassib dwar in-nuqqas tal-VI fir-rigward ta' emendi li jikkonċernaw il-leġislazzjoni applikabbli u l-istazzjonar, li huma qiesu ta' natura sostanzjali aktar milli teknika. In-nuqqas ta' ġustifikazzjoni suffiċjenti dwar il-kuntest politiku u l-bażi legali għal deroga mill-prinċipju ta' trattament ugwali kien ta' tħassib għal diversi delegazzjonijiet ukoll. Ġie espress tħassib dwar jekk il-bażi legali koprietx l-emendi proposti għall-benefiċċji ta' kura fit-tul. Barra minn hekk, diversi delegazzjonijiet ħasbu li d-definizzjonijiet mhux dejjem kienu stabbiliti b'mod ċar, b'mod speċifiku d-definizzjoni ta' benefiċċji ta' kura fit-tul u ta' persuni ekonomikament inattivi. Xi delegazzjonijiet ma kinux sodisfatti bil-konklużjonijiet li rriżultaw mill-VI dwar il-benefiċċji tal-familja, billi ma qablux mal-analiżi statistika rrapportata, u ħasbu li l-indiċjar tal-benefiċċji tal-familja kien ikun opzjoni li kellha tiġi inkluża fil-proposta. Dan qajjem oppożizzjoni minn grupp kbir tad-delegazzjonijiet l-oħra. Il-maġġoranza l-kbira tad-delegazzjonijiet qablu li l-prinċipji tas-**sussidjarjetà u tal-proporzjonalità** huma stabbiliti b'mod ċar fil-VI.

Grupp ta' delegazzjonijiet ħassew li l-**objettivi ta' politika**, l-**opzjonijiet ta' politika** ppreżentati fil-VI u l-konklużjonijiet miġbura mill-analiżi mhux dejjem kienu koerenti; il-VI tidher li ma tasal għall-ebda konklużjoni jew tasal għal konklużjonijiet differenti dwar x'inhija l-opzjoni politika proposta, speċjalment dwar il-benefiċċji tal-familja, l-estensjoni tal-esportabbiltà tal-benefiċċji tal-qgħad u dwar deroga mit-trattament ugwali. Xi delegazzjonijiet oħra kellhom dubji dwar jekk l-opzjonijiet ta' politika fil-proposta kinux appoġġati mis-sħab soċjali u partijiet interessati oħra, li, fil-fehma tagħhom, ma jidhirx li huwa l-każ abbażi tal-VI. Delegazzjonijiet oħra kienu sodisfatti bl-objettivi ta' politika u l-opzjonijiet ta' politika ppreżentati.

Ħafna mid-delegazzjonijiet qiesu l-analiżi tal-**impatti** għal kull opzjoni ppreżentata fil-VI bħala ċara sa ċertu punt. Ħafna delegazzjonijiet enfasizzaw li d-**data** użata kellha nuqqasijiet u f'ħafna każijiet ma kinitx aġġornata, u b'hekk ikkompromettiet l-analiżi u l-konklużjonijiet li saru. Ħafna delegazzjonijiet ma kellhomx analiżi ċara sostnuta minn data dwar l-estensjoni tal-esportazzjoni tal-benefiċċji tal-qgħad. Xi delegazzjonijiet oħra ħasbu li l-Iżvizzera kellha tkun inkluża b'mod aktar wiesa' fil-VI, speċifikament fir-rigward tal-benefiċċji tal-qgħad ta' ħaddiema transkonfinali. Grupp ta' delegazzjonijiet ħasbu li l-analiżi tal-impatt ekonomiku fuq l-SMEs ma kinitx fil-fond biżżejjed, filwaqt li oħrajn kienu sodisfatti bil-valutazzjoni. Rigward l-impatti soċjali, il-parti l-kbira tad-delegazzjonijiet kienu sodisfatti bil-valutazzjoni sa ċertu punt biss. Barra minn hekk, il-parti l-kbira tad-delegazzjonijiet qiesu li l-valutazzjoni tal-impatti ambjentali u l-impatti fuq il-konsumaturi kienet adegwata u li l-analiżi tal-impatt fuq il-kompetizzjoni kienet sodisfaċenti jew sodisfaċenti sa ċertu punt. Maġġoranza kbira tad-delegazzjonijiet ħasbu li l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali ġie analizzat b'mod sodisfaċenti.

Il-parti l-kbira tad-delegazzjonijiet wieġbu li l-impatt fuq l-**ispejjeż regolatorji** ġie vvalutat sa ċertu punt biss. Huma nnotaw, partikolarment rigward il-benefiċċji tal-qgħad ta' ħaddiema transkonfinali, li intużat data limitata biss għall analiżi u xi impatti biss ġew ivvalutati f'dan ir-rigward.

Il-parti l-kbira tad-delegazzjonijiet qiesu li l-kummenti u **r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB)** ġew ikkunsidrati jew ġew ikkunsidrati sa ċertu punt. Xi delegazzjonijiet qiesu li l-VI ma kkunsidratx bizzejjed l-appell tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju għal analiżi aktar kwantitattiva, filwaqt li delegazzjonijiet oħra ħasbu li l-VI kienet twila wisq.

Id-delegazzjonijiet kollha li wieġbu l-mistoqsija ħasbu li ġiet applikata l-**metodoloġija** adegwata u li l-limitazzjonijiet u l-inċertezzi ġew spjegati b'mod ċar. Filwaqt li d-delegazzjonijiet kienu ġeneralment sodisfatti jew sodisfatti sa ċertu punt b'kif il-VI iddeskriviet l-arranġamenti ta' **monitoraġġ** u evalwazzjoni u bl-indikaturi proposti, ħafna mid-delegazzjonijiet li wieġbu indikaw li l-VI ma kienx fiha biżżejjed informazzjoni dwar l-impatt tal-**iskadenza tat-traspożizzjoni**.